IN-NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU.59 - IT-TNEJN 25 TA' SETTEMBRU 2023**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-18.30.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti b'apoloġija: | Ivan Gaffiero | Kunsillier |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa live fuq il-paġna ta' Facebook.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

1.1. Is-SE informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji ħlief għall-ittra miftuħa mingħand il-Kunsillier Gaffiero.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI;**

2.1. Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa nr. 58 *nem con*. Tipproponi l-Kunsillier Cuomo u ssekonda l-Kunsillier Abela.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU;**

3.1. Is-Sindku ressqet il-komunikazzjoni hekk kif ġej;

3.2. Hija rringrazzjat lil kull min ta' sehem fil-Festa, minkejja li ġew ikkanċellati xi attivitajiet, xorta waħda kienet ta' success.

3.3. Hija nfurmat li d-delegazzjoni ta' Sindki barranin kienet ta' suċċess ukoll, huma ħadu gost jaraw l-organizzazzjoni sħiħa tal-Festa tagħna, attendew il-Quddiesa tal-Pontifikal u ankè l-quddiesa ta' nhar il-Festa. Huma faħħru ħafna l-organizzazzjoni u l-atmosfera tant sabiħa. Hija infurmat li waqt din iż-żjara kien hemm diskussjonijiet ukoll mal-Majjistral Action Group Foundation, dwar proġetti futuri mal-istess Kunsilli fuq diversi suġġetti.

3.4. Relatat mal-punt preċedenti, s-Sinkdu infurmat li minkejja d-diffikultajiet biex insibu prezzijiet tajbin għall-akkomodazzjoni, rnexxielna nżommu mal-baġit u n-nefqa giet ftit anqas minn €3000.

3.5. Hija nfurmat fid-19 ta' Settembru kien hemm laqgħa tal-Majjistral Action Group Foundation (MAGF). Prezenti għal din il-laqgħa kien hemm il-Kunsillier Cuomo u s-Segretajru Eżekuttiv. Il-Kunsillier Cuomo spejgat li waqt il-laqgħa ġew varati erba' miżuri ġodda li għalihom jista' japplikaw kemm il-Kunsill u kif ukoll NGO's u nies individwali.

3.6. Hija nfurmat li fit-22 ta' Settembru saret Seduta Parlamentari taż-żgħażagħ. Għal din l-attiivtà, jirrappreżenta n-Naxxar kien Jordan Pace. Huwa għamel diskors tajjeb ħafna tant li l-midja semmietu b'ismu, kummenti minn diversi nies preżenti inkluż l-Ispeaker faħħar d-diskors.

3.7. Fit-22 ta' Settembru wkoll, ingħataw iċ-ċertifikati tal-kors organizzat mit-TCTC. Dan il-kors kien "Innovazzjoni Digitali" Module 1 li għalih attendew 70 tifel u tifla ta' bejn il-5 u 12-il sena.

3.8. Hija nfurmat li s-SE nnotifika lill-Kunisll formalment dwar proposta għal bye-law dwar il-karavans. Din se titressaq fil-laqgħa li jmiss.

3.9. Is-Sindku ssuġeriet li għall-attivita' ta' Jum in-Naxxar u tal-Milied, minħabba li ż-żmien huwa kontra tagħna, il-Kumitat tal-Finanzi mal-Kunsillier responsabbli għal Kultura, jiddeċiedu l-baġit u kif se jiġu organizzati, dan peress li mhux se jkollna biżejjed żmien għal diskussjoni fil-Kunsill. Ovvjament ħafna mid-dettalji se jgħaddu quddiem il-Kunsill iżda l-punt tat-tluq ma jistax jistenna laqgħa oħra. Hawnhekk il-Kunsillier Brincat isuġġerrixxa li l-attività ta' Jum in-Naxxar issir fis-swali tal-Każini fuq bażi ta' rotazzjoni. Il-Kunsill qabel li jikkonsidra din il-proposta.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;

4.1. Is-SE informa li ma kellux mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI:

5.1. Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

- 5.1.1. Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/59) anness f'appendiċi A.
- 5.1.2. Lista ta' dħul tax-xahar ta' Settembru anness f'appendiċi B.
- 5.1.3. Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Settembru anness f'appendiċi Ċ.
- 5.1.4. Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Settembru anness f'appendiċi D.

5.2. Il-Kunsill approva r-rapporti (nem con) fuq proposta tas-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

5.3. IS-SE informa li waslet għall-attenzjoni tiegħu sistema lesta tal-ibbukjar tal-*Bulky Refuse Collection.* L-Ispiża għal din is-sistema hija ta' €730 pa u €400 ta' darba VAT inkluż;

5.4. Il-Kunsill qabel max-xiri ta' din is-sistema.

## 6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI;

6.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret il-Ħamis 14 ta' Settembru. (anness f'appendiċi F).

6.2. Il-Kunsill approva dawn il-minuti (nem con) fuq proponiment tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI;

7.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret il-Ħamis 14 ta’ Settembru. (anness f’appendiċi G).

7.2. Il-Kunsill approva dawn il-minuti (nem con) fuq proponiment tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

## 8. DEVOLUZZJONI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU (RIKONFERMA);

8.1. Is-SE informa li diġà kien hemm talba snin ilu għal din id-devoluzzjoni. Dan il-proċess kien twaqqaf mill-Kunsill.

8.2. Minħabba li riċentament ma kienx hemm deċiżjoni rreġistrata ċara fil-minuti li tgħid li l-Kunsill japprova li jitlob id-devoluzzjoni qed jitressaq dan il-punt għal fini ta’ minuti.

8.3. Il-Kunsill approva għalhekk li qed jerġa jitlob għad-devoluzzjoni taċ-Ċentru Ċiviku biex jintuża bħala l-uffiċini Amministrattivi tiegħu.

## 9. MOZZJONI BIEX ISIR SERVICE CULVERT LI JAQSAM IT-TARF TA’ TRIQ TAL-LABOUR MAL-PJAZZA;

9.1. Il-Kunsillier Brincat ressaq mozzjoni, ssekondata mis-Sindku u mill-Kunsillier Gatt, biex jitneħħew il-wires li qed jaqsmu min-naħa għall-oħra ta’ Triq tal-Labour quddiem il-każin tal-Banda Peace u quddiem il-kazin tal-Partit Nazzjonalista. Dan iris permezz tal-bini ta’ culvert.

9.2. Il-Kunsillier Brincat ippropona li x-xogħol għandu jsir skond dak li jippermettu l-finanzi u f’ordni ta’ preċedenza l-ewwel isir ix-xogħol in-naħa ta’ quddiem il-każin tal-Banda Peace u wara jitneħħew il-wires ta’ quddiem il-każin tal-PN.

9.3. Wara diskussjoni l-Kunsill approva l-mozzjoni *nem con*.

## 10. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

10.1. Il-Laqgħa ntemmet fis-7.15pm.

10.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 25 ta’ Ottubru fis-5:45pm.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

**KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR**

19 ta' Settembru, 2023

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## AĠENDA Numru 8/59

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Naxxar

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri,

Qiegħed tiġi mitlub/a tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 25 ta' Settembru 2023 fis-6:30 ta' filgħaxija.

Tista' tgħażel li tingħaqad b'mod virtwali permezz ta' sistema virtwali iżda jista' jkun hemm limitazzjonijiet biex issegwi preżentazzjonijiet li jista' jkun hemm waqt il-laqgħa. Jista' wkoll ikun hemm u xi diffikultajiet biex il-pubbliku li jkun qiegħed isegwi live, isegwikom waqt l-interventi. Il-laqgħa se tkun imxandra *live* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill u se tkun qed tiġi rrekordjata biex tiġi mxandra b'mod *on demand*.

*(IFFIRMATA)*

Paul Gatt

Segretarju

Eżekuttiv

*Aqleb wara*

<u>AĠENDA</u>

<u>LAQGĦA TAL-KUNSILL Numru 8/59</u>

1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;
4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' rapporti finanzjarji:
   a. Skeda tal-pagamenti;
   b. Skeda ta' dħul;
   c. Skeda ta' ordnijiet;
   d. Infiq mill-Petty Cash;
   e. Sistema tal-ibbukjar tal-*Bulky Refuse Collection* - €730 pa + €400 ta' darba;
6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat tal-Finanzi;
7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-sottokumitat tat-talbiet u lmenti;
8 Devoluzzjoni taċ-Ċentru Ċiviku (rikonferma);
9 Mozzjoni biex isir service culvert li jaqsam it-tarf ta' Triq tal-Labour mal-Pjazza;
10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgha nr 8/59

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-22 ta' Awissu 2023 sat-18 ta' Settembru 2023

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 21st Century Travel | €580.00 | €580.00 | K | PF | Flights to Sofia- Oct - 4persons | 24/08/2023 | 518635 | 170/23 | 170/23 | 2810 |
| 2 | Accounting & Man Team | €347.86 | €347.86 | T | PF | Project Manager for an EU ERDF Co-financed Project for CultureMill Restoration Aug 23 | 31/08/2023 | 23/142 | n/a | n/a | 7601 |
| 3 | Accounting & Man Team | €278.29 | €278.29 | T | PF | Project Manager for an EU ERDF Co-financed Project for CultureMill Restoration July 23 | 31/07/2023 | 23/126 | n/a | n/a | 7601 |
| 4 | Adi Associates | €230.01 | €230.01 | K | PF | Review of planning applications - Aug 2023 | 31/08/2023 | 4065 | n/a | n/a | 3190 |
| 5 | Advisory 21 | €413.00 | €413.00 | K | PF | DPO Services for Aug 23 | 30/08/2023 | 2018-4522 | n/a | n/a | 3190 |
| 6 | Archway Ironmongery | €109.32 | €109.32 | K | PF | Ironmongery supplies as needed | 31/07/2023 | 41205 | 063/23 | 063/23 | 2310 |
| 7 | Arms | €76.97 | €76.97 | NA | PF | Bill for San Pawl tat-targa (26.5-26.7.2023) | 28/08/2023 | 36794923 | n/a | n/a | 2130 |
| 8 | Arms | €1,134.10 | €1,134.10 | NA | PF | Bill for LC office (12.7-11.8.2023) | 24/08/2023 | 36795036 | n/a | n/a | 2130 |
| 9 | Jurgen Attard | €390.00 | €390.00 | T | PF | Football ground guardian for July 2023 | 31/07/2023 | 3373 | | | 3191 |
| 10 | Jurgen Attard | €390.00 | €390.00 | T | PF | Football ground guardian for August 2023 | 31/08/2023 | 3374 | | | 3191 |
| 11 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair | 29/08/2023 | 123769 | 109/23 | 109/23 | 2311 |
| 12 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair | 31/08/2023 | 124034 | 112/23 | 112/23 | 2311 |
| 13 | Briiz | €1,472.35 | €1,472.35 | T | PF | Cleaning of public convenience Aug 2023 | 31/08/2023 | 65282 | n/a | n/a | 3053 |
| 14 | Francelle Camilleri | €37.50 | €37.50 | K | PF | Design of Tal-Ghaqba entry tickets | 04/09/2023 | 376 | 163/23 | 163/23 | 2610 |
| 15 | Grace Camilleri | €291.52 | €291.52 | NA | PF | Naxxar branch librarian - Aug 23 | 31/08/2023 | | n/a | n/a | 2995 |
| 16 | Benjamin Cilia | €7,276.68 | €7,276.68 | T | PF | Non urban cleaning for May, June, July, Aug 23 | 02/09/2023 | 112 | n/a | n/a | 3052 |
| 17 | Datatrack | €68.67 | €68.67 | NA | PF | 7 pre-regional tickets for August 2023 | 31/08/2023 | 1014945 | n/a | n/a | 3610 |
| 18 | Dimbros | €2,378.88 | €2,378.88 | T | PF | Bulky service for Aug 2023 | 03/09/2023 | 662 | n/a | n/a | 3042 |
| 19 | DOI | €10.00 | €10.00 | NA | PF | Gov gazette re event of Kazin Peace | 24/08/2023 | permit 37946 | n/a | n/a | 2610 |
| 20 | DOI | €10.00 | €10.00 | NA | PF | Gov gazette re provision of bulky tender | 12/09/2023 | | n/a | n/a | 2610 |
| 21 | DOI | €10.00 | €10.00 | NA | PF | Gov gazette re attivita fi Triq tal-labour | 14/09/2023 | | n/a | n/a | 2610 |
| 22 | DOI | €10.00 | €10.00 | NA | PF | Gov gazette re decorative luminaires | 15/09/2023 | | n/a | n/a | 2610 |
| 23 | Doric Studio | €60.00 | €60.00 | NA | PF | Payment since received refund from PA re DN 00869/23 | 01/09/2023 | | n/a | n/a | 3690 |
| 24 | Epic | €44.50 | €44.50 | NA | PF | Bill for 99370990 for Aug 2023 | 01/09/2023 | 11980450092023 | n/a | n/a | 2160 |
| 25 | Epic | €69.05 | €69.05 | NA | PF | Bill for 79404014 for Aug 2023 | 01/09/2023 | 11979845092023 | n/a | n/a | 2160 |

Approvati fis-Seduta Nru:

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet

PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Proponent

Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-22 ta' Awissu 2023 sat-18 ta' Settembru 2023

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 26 | Golden Gate | €18.09 | €18.09 | K | PF | Petty cash vouchers and paperclips for LC office | 13/09/2023 | 617561 | 177/23 | 177/23 | 2670 |
| 27 | Image Systems | €120.96 | €120.96 | NA | PF | Usage and rent billing for xerox for Aug 2023 | 31/08/2023 | 535333 | n/a | n/a | 2610 |
| 28 | Inland Revenue Dept | €4,684.08 | €4,684.08 | NA | PF | FSS & NI August 2023 | 25/08/2023 | | n/a | n/a | 1500 |
| 29 | Mediacoop Ltd | €3,959.61 | €3,959.61 | T | PF | Second and final payment re Docudrama | 01/06/2023 | 2185 | n/a | n/a | 7601 |
| 30 | Melita plc | €196.96 | €196.96 | NA | PF | Internet services Sept 2023 | 01/09/2023 | 115575918 | n/a | n/a | 2160 |
| 31 | Micamed | €587.05 | €587.05 | T | PF | L419 Sqaq il-Kostinjuz | 22/08/2023 | 11522 | n/a | n/a | 3065 |
| 32 | Micamed | €541.62 | €541.62 | T | PF | W529 Triq Castro | 22/08/2023 | 11519 | n/a | n/a | 3065 |
| 33 | Micamed | €555.19 | €555.19 | T | PF | W411 Triq Dun Karm Scerri | 22/08/2023 | 11505 | n/a | n/a | 3065 |
| 34 | Micamed | €632.48 | €632.48 | T | PF | W074 Triq G. Sandys | 22/08/2023 | 11526 | n/a | n/a | 3065 |
| 35 | Micamed | €589.41 | €589.41 | T | PF | W297 Triq ic-Cirasa | 28/08/2023 | 11542 | n/a | n/a | 3065 |
| 36 | Micamed | €292.64 | €292.64 | T | PF | T001 Pjazza Vittorja qrib San Guzepp | 28/08/2023 | 11538 | n/a | n/a | 3065 |
| 37 | Micamed | €618.91 | €618.91 | T | PF | W113 Triq l-Imnara | 28/08/2023 | 11543 | n/a | n/a | 3065 |
| 38 | Micamed | €666.70 | €666.70 | T | PF | W117 Triq Castro | 28/08/2023 | 11528 | n/a | n/a | 3065 |
| 39 | Micamed | €23.60 | €23.60 | T | PF | R014 Palazzo Parisio | 28/08/2023 | 11574 | n/a | n/a | 3065 |
| 40 | Micamed | €23.60 | €23.60 | T | PF | W113 Triq l-Imnara | 04/06/2023 | 11591 | n/a | n/a | 3065 |
| 41 | Micamed | €525.69 | €525.69 | T | PF | W032 n/s in Triq Santa Marija Maghtab | 04/09/2023 | 11592 | n/a | n/a | 3065 |
| 42 | Micamed | €618.91 | €618.91 | T | PF | T002 Triq il-Katakombi | 13/09/2023 | 11616 | n/a | n/a | 3065 |
| 43 | Micamed | €676.14 | €676.14 | T | PF | L515 Triq San Pawl | 13/09/2023 | 11613 | n/a | n/a | 3065 |
| 44 | Micamed | €587.05 | €587.05 | T | PF | T001 Triq Ta' Mezzi | 13/09/2023 | 11615 | n/a | n/a | 3065 |
| 45 | Kumitat Festi Esterni | €130.00 | €130.00 | D | PF | Advert in Naxxar Parish Feast Programme 2023 | 07/08/2023 | | 136/23 | 136/23 | 2940 |
| 46 | Paramount | €313.88 | €313.88 | K | PF | Transport services for July 2023 | 22/08/2023 | 10011851 | 019&146/23 | | 2720 |
| 47 | Peace Band Club | €130.00 | €130.00 | D | PF | Advert in Naxxar Feast Book 2023 | 16/08/2023 | | 138/23 | 138/23 | 2940 |
| 48 | Re-imbursement | €579.60 | €579.60 | NA | PF | Foreign delegation Sept 23 | 15/09/2023 | various receipts | n/a | n/a | 3330 |
| 49 | Re-imbursement | €517.65 | €517.65 | NA | PF | Foreign delegation Sept 23 | 15/09/2023 | various receipts | n/a | n/a | 3330 |
| 50 | Romina Perici Ferrante | €490.88 | €490.88 | K | PF | Accounting services for July 2023 | 31/07/2023 | 23/045 | 009/23 | 009/23 | 3160 |
| 51 | Romina Perici Ferrante | €490.88 | €490.88 | K | PF | Accounting services for August 2023 | 31/08/2023 | 23/049 | 009/23 | 009/23 | 3160 |
| 52 | Piscopo Gardens | €76.70 | €76.70 | T | PF | Maintenance of plants for Aug 2023 | 31/08/2023 | 7427 | n/a | n/a | 3060 |
| 53 | Poultons Ltd | €371.70 | €371.70 | K | PF | Printing of entrance tickets for Mithna tal-Ghaqba | 22/08/2023 | 46539 | 168/23 | 168/23 | 2610 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

Iffirmat
Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat
Proponent

Iffirmat
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-22 ta' Awissu 2023 sat-18 ta' Settembru 2023

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 54 | Regjun Tramuntana | €10,971.21 | €10,971.21 | NA | PF | Mixed Waste Collection for August 2023 | 30/08/2023 | 370 | n/a | n/a | 3040 |
| 55 | Simply Clean | €832.80 | €832.80 | K | PF | LC cleaning services for Aug 23 | 01/09/2023 | 121 | n/a | n/a | 3055 |
| 56 | Spiral | €23.60 | €23.60 | K | PF | Reflective sticker Triq Edward Pirotta | 24/08/2023 | 5086 | 166/23 | 166/23 | 2313 |
| 57 | Spiral | €23.60 | €23.60 | K | PF | Reflective sticker Triq Edward Pirotta | 13/09/2023 | 5095 | 178/23 | 178/23 | 2313 |
| 58 | Strand Electronics | €3,928.22 | €3,928.22 | K | PF | Electronic access for doors at LC civic centre | 28/06/2023 | 522720 | 094/23 | 094/23 | 7225 |
| 59 | Strand Electronics | €139.24 | €139.24 | K | PF | Programming of electronic cards | 30/06/2023 | 523534 | n/a | n/a | 3190 |
| 60 | Mark Taliana Gardening | €7,825.76 | €7,825.76 | T | PF | Gardening Services for August 2023 | 31/08/2023 | 1399 | n/a | n/a | 3061 |
| 61 | TCTC | €1,890.00 | €1,890.00 | A | PF | Innovazzjoni Digitali ghat-tfal Sajf 2023 | 10/08/2023 | 43575 | n/a | n/a | 3381 |
| 62 | The Village Boutique & Spa | €1,740.00 | €1,740.00 | K | PF | Accomodation for Mayors 6-9 Sept 2023 | 25/08/2023 | 100216 | 169/23 | 169/23 | 3330 |
| 63 | TFX Malta | €600.00 | €600.00 | K | PF | Equipment for light -event on 8/8/2023 piazza | 21/08/2023 | 17 | 160/23 | 160/23 | 3360 |
| 64 | TSS Sound Rentals | €1,593.00 | €1,593.00 | K | PF | Stage and equipment- event on 8/8/2023 piazza | 03/09/2023 | 035A-23 | 155/23 | 155/23 | 3360 |
| 65 | TSS Sound Rentals | €767.00 | €767.00 | K | PF | Sound and soundman- event 8/8/23 piazza | 03/09/2023 | 035B-23 | 160/23 | 160/23 | 3360 |
| 66 | TSS Sound Rentals | €118.00 | €118.00 | K | PF | Stand by generator and power supply 8/8/23 | 03/09/2023 | 035C-23 | 160/23 | 160/23 | 3360 |
| 67 | Wasteserv | €20.77 | €20.77 | NA | PF | Tipping fees - council handymen | 25/08/2023 | 111887 | n/a | n/a | 3040 |
| | | | | | | | | | | | |
| | | **€65,374.46** | **€65,374.46** | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

Approvati fis-Seduta Nru:

D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet

PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant

**Post:** **Kunsill Lokali in-Naxxar**
**Data:** **14 ta' Settembru 2023**
**Ħin:** **12.15pm - 1.41pm**
**Preżenti:** **Is-Sindku, l-Kunsillier Joe Spiteri, is-Segretajru Eżekuttiv u Yanika Borg, Uffiċjal tal-Kunsill.**

**Is-SE ressaq l-ilmenti/talbiet fuq il-formoli apposta u li kienu jinkludu ritratti u site plans skont il-każ.**

| **Dawn li ġejjin huma l-ilmenti/talbiet imressqa li jinkludu d-deċiżjoni tas-sotto-kumitat:** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ***Ref. No.*** | ***Tkt. No.*** | ***Deskrizzjoni tat-talba*** | ***Isem tat-triq*** | ***Rakkomandazzjoni tal-Kumitat*** |
| 12643 | n/a | Talba ghal tabella ghall-qtates tul it-triq. | Kampanjol | Approvata. Nitkellmu mar-residenta fejn l-aħjar li ssir. |
| 12646 | 61458 | Request to install two signs of No entry except for residents or to render a service in Triq il-Latmija, is-Salina | Latmija | Mhux approvata. It-triq hija pubblika u kulħadd għandu dritt jaċċessaha. |
| 12650 | 61448 | talba għall-road hump magenb il-Kappella ta' Triq il-Katakombi - https://goo.gl/maps/PKPvzfMSpxfg9o3b9 | Katakombi | Approvata, fuq ġustifikazzjoni li t-triq hija dejqa ħafna u l-bankina mhux aċċessibli. |
| 12653 | 60407 | Talba biex terġa tiġi diskussa l-un/loading bay request ta' Wesgħet il-Frott. Comments from the applicant - We asked for this not to have a parking space but to have a place to drop off heavily pregnant women and babies in prams. (We are obviously happy to have a sign specifically stating this)<br>Please bear in mind this clinic is not a GP clinic but deals primarily with newborn babies and Pregnant women in addition to patients with broken bones attending for x-rays.<br>Sometimes we even need patients to be taken away by ambulance.<br>________________<br>*previous Council decision - w/o - 12602 - Mhux approvata minħabba peress li kliniċi oħrajn m'għandhomx u għalhekk jinħoloq preċedent.* | Wesgħat il-Frott | Skont il-gudelines ta' Transport Malta issir biss jekk isiru operazzjonijiet fuq il-post. Mhux approvata wkoll minħabba li jinħoloq preċedent għal clinics oħra. |
| 12657 | 61787 | Talba ghal road hump fit-triq, qrib tal-Knisja. Dan qieghed jinghad l-aktar ghaliex intqal li hafna drabi t-tfal li jmorru d-dutrina jkunu minghajr il-genituri. | Xambekk | Approvata fid-dawl li hemm dutrina, knisja u ġnien. |
| 12664 | n/a | Talba ghal communal disabled parking bay quddiem l-entratura tal-Middle School. Dan ghaliex intqal li prezentament ma hemmx wahda. | Iskejjel | Approvata. |
| 12673 | n/a | Talba ghal road hump quddiem id-dar nr 22. | Forga | Mhux approvata minħabba li tkun ta' inkonvenjent għar-resisdenti. |
| 12676 | 62009 | Request to install No Motor Vehicle signs in the alleys | Santa Lucija | Mhux approvata. Teknikament diġa mhux permessibli li wieħed jipparkja fi sqaq biss f'numru ta' sqaqien hemm il-garaxxijiet. |
| 12680 | n/a | Talba ghal communal disabled parking bay quddiem drive nr 30. Garaxx ma ghandux mad-dar. Hu stqarr li fin-nuqqas ta' dan, qieghed ikollu jaghmel double parking. | Ph. Skippon | Mhux approvata. Isiru double yellow lines mal-ġnub tad-drive. |
| 12686 | 60161 | talba għall-bus shelter/s ġo Triq is-Salina vicin iz-zewg bus stops OMMU (ta magenb ir-roundabout) | Salina | Għalkemm mhemmx oġġezzjoni, mhemmx spazju fejn isir u għalhekk mhux possibli li din it-talba tintalaq. |
| 12693 | 57448 | re-discussion of the speed calming measures request in Triq il-Kappella ta' Santa Marija - near B&B construction. previous request for road humps was denied | Kappella ta' Santa Marija | Mhux approvata minħabba li t-triq tintuża minn vetturi kbar u għalhekk humps ma jkunux effetivi. |
| 12701 | | Tehel mera faccata ta' Triq l-Amerika, ghal dawk il-karozzi li jkunu gejjien minn Triq l-Emigranti. | Emigranti | Mhux approvata minħabba li ma' tkunx effetiva minħabba d-distanza. Se jsiru linji sofor doppji fil-kantuniera. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12712 | 63204 | Request to install cat crossing signs in Triq is-Salina | Salina | Mhux approvata minħabba li ma jidhirx li hemm xi problema f'din it-triq u t-tul tagħha jagħmilha diffiċli biex issib post addattat jew problematiku. Il-sottokumitat qies ukoll l-ammont kbir ta' tabelli tat-traffiku li hemm fit-triq. |
| 12732 | 63541 | Talba ghal road hump fit-triq, int u niezel Triq l-Emigranti qabel ma' ssib is-side road Triq l-Amerika. Dan ghaliex qeghdin isehhu hafna accidenti. | Emigranti | Mhux approvata. IL-Kumitat qabel li għalissa jsir il-yellow lines imsemmi f' talba nr 12653 u wieħed jara x'effet se jkollhom. |
| 12734 | 63488 | Talba ghal tabella ghal qtates tul it-triq. | Ferdinand Von Hompesc | Approvata li jsiru tnejn waħda fuq kull naħa iżda jsiru biss jekk hemm arblu tad-dawl diġa (biex jeħlu magħhom). Jekk m'hemmx ma' jsirux. |
| 12735 | n/a | Talba biex issir tabella fuq/ viċin il-bokka tal-ġwiebi. Dan biex ma jintramawx krejnijiet/ makkinajru tqil fuq dawn il-bokkok. Jidher li hawn tlett ġwiebi li huma: Fil-Pjazza, wara l-kapella ta' Triq Santa Lucija u Triq San Ġwann kif tispicca Triq Santa Luċija. | | Il-Kumitat innota r-ritratti ta dawn u rrimarka li ma jidhirx li hemm periklu addizjonali jekk ikun hemm makkinarju fuqhom. Jekk jinstab li t-triq qed jiġrilha xi ħsara fuq il-post, il-Kunsill jinvestiga. |
| 12763 | 63441 | Talba biex jiġu installati bollards quddiem ir-residenza numru 36, Triq is-Salib | Salib | Ir-resident jagħmel planter u jieħu ħsiebu hu. |
| 12772 | 64114 | Request to install a bollard in Triq Leli Falzon corner with Trejqet l-Iklin | Iklin | Isiru żewġ bollards in-naħa ta' Trejqet l-Iklin hekk kif tispiċċa l-kantuniera. Dan biex issir evalwazzjoni tas-sitwazzjoni mingħajr ma jinħoloq periklu jew ħsara lil terzi. |
| 12777 | 63107 | Talba ghal built outs fit-trufijiet tat-triq. Dan sabiex innaqqsu l-possibilita li l-karozzi jsuqu b'mod eccessiv mit-triq. | Ferdinand Von Hompesc | Il-buildouts għandhom jidħlu fil-programm ta' Infrastructure Malta għal meta jkun se jsir ix-xogħol fuq Triq is-Seneskalk. - nitlobu lil IM. Sa da it-tant issir buildout biż-żebgħa. |
| 12778 | | Talba ghal estenzjoni tad-double yellow line li jinsab fil-kantuniera. Il-kantuniera bejn Triq l-Amerika u Triq l-Emigranti. Dan ghaliex meta tigi pparkjatha vettura li hija off roader, trendi l-kantuniera aktar blind corner. | Emigranti | Approvata (madwar 4-5 metri). |
| 12783 | 63860 | Talba biex jitpogga bin (skip) fiz-zona ta' Baħar iċ-Cagħaq (viċin il-bajja). Din it-talba qed isir mill-organizzazzjoni Żibel u dan il-bin ser ikun qiegħed jintuża biex jintrema skart li jinġabar minn fejn il-baħar. Dan il-bin ser ikun imsakkar u jista' jinfetaħ biss billi minn jużah jrid jaghmel scan tal-QR Code li jkun hemm mal-bin, tinfetah applikazzjoni online fejn tingħata referenza tal-oġġetti li nġabru u kif din tiġi sottomessa, jingħata code biex jinfetaħ il-bin. L-allokazzjoni tal-bin fejn ser ikun qieghed jitpogga hija f'idejn il-Kunsill. | Bahar Ic-Caghaq | Il-Kumitat qabel li jsir. Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jekk il-post mgħażul ma jkunx l-aktar effetiv, jitlob li dan jiċċaqlaq. |

Laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi

**Data:** 14 ta' Settembru 2023
**Ħin:** 11.00am - 12.15pm
**Preżenti:** Is-Sindku, l-Kunsillier Joe Spiteri, is-Segretajru Eżekuttiv u Yanika Borg, Uffiċjal tal-Kunsill.
**Post:** Kunsill Lokali in-Naxxar

---

1. **Air conditioner ġdid fl-uffiċċju tas-SE;**

1.1 Is SE informa lill-Kumitat li hemm bżonn li jinbidel l-Air Conditioner tal-uffiċċju tiegħu minħabba li qed jagħmel ħafna storbju meta jkun qed jaħdem, xi ħaġa li kkonfermatha wkoll is-Sindku. Fakkar li dan huwa wkoll mudell antik.

1.2 Il-Kumitat qabel li jinxtara ieħor.

2. **Compliance Audit;**

2.1 Minħabba li d-dokumenti involuti ma kienux għand il-Kumitat. il-Kumitat qabel li se jkun jara dawn id-dokumenti wara l-laqgħa.

2.2 Dan qed jitressaq għand il-kumitat għal fini ta' informazzjoni. Is-SE spjega li kif kien indika fil-laqgħat preċedenti, inkluż tal-Kunsill dan kien audit rigoruż ħafna u li kkonsma ħafna ħin tal-amministrazzjoni kollha. Informa li kellu indikazzjonijiet li d-Dipartiment ma sab l-ebda problemi li li huma b'xi mod kbar. Fir-risposta enfasizza l-bżonn li jkunu allokati aktar riżorsi biex jippermettu li l-Kunsill ikun aktar konformi mal-ħafna regolamenti dejjem jiżdiedu.

2.3 Kopja annessa ma' dawn il-minuti.

3. **Ħlas ta' danni 011/23** ***ri-evalwazzjoni;***

3.1 Il-Kumitat iddiskuta dan il-każ.

3.2 Wara diskussjoni u ri-evalwazzjoni tal-każ, il-Kumitat qabel li dan il-każ jista' jkun ġustifikat minħabba li għalkemm hemm bozza fil-viċin, instab li din hija mgħottija b'siġra u għalhekk għalhekk diffiċli li dak li jkun jara sew. Għalhekk ipproponа li l-Kunsill iħallas għal dawn id danni.



4. **Ħlas ta' danni 008/23** ***ri-evalwazzjoni;***

4.1 Il-Kumitat iddiskuta dan il-każ.

4.2 Wara diskussjoni u ri-evalwazzoni tal-każ, il-Kumitat qies li, għalkemm fil-ħin tal-allegat inċident kien matul il-jum, dak inhar għamlet record ta' xita u li allura it-toqob kollha jkunu mimlijin bl-ilma. Ikkonsidra wkoll li kien vera li żviluppat ħofra fejn indikat. Għalhekk il-Kumitat qabel li din it-talba hija ġustifikata u għalhekk ipproponа li l-Kunsill iħallas għal dawn id danni.

5. **Ħlas ta' danni 012/23 -** ***ri-evalwazzjoni;***

5.1 Il-Kumitat iddiskuta dan il-każ.

5.2 Wara diskussjoni u r-evalwazzjoni l-Kumitat qies li għalkemm ma kellux il-provi kollha f'idejh li jindikaw li l-ħsara saret fil-ħofra indikata, il-fatt li huwa rrikorra għand il-kumpanija tal-assikurazzjoni, li kienet qed tkopri għal din il-ħsara irrispettivament minn fejn seta' ġarrab il-ħsata, u li allura kienet ġiet ġustifikata min-naħa tal-istess

**4. Ħlas ta' danni 008/23** ***ri-evalwazzjoni;***

4.1 Il-Kumitat iddiskuta dan il-każ.

4.2 Wara diskussjoni u ri-evalwazzoni tal-każ, il-Kumitat qies li, għalkemm fil-ħin tal-allegat inċident kien matul il-jum, dak inhar għamlet record ta' xita u li allura it-toqob kollha jkunu mimlijin bl-ilma. Ikkonsidra wkoll li kien vera li żviluppat ħofra fejn indikat. Għalhekk il-Kumitat qabel li din it-talba hija ġustifikata u għalhekk ippropona li l-Kunsill iħallas għal dawn id danni.

**5. Ħlas ta' danni 012/23 -** ***ri-evalwazzjoni;***

5.1 Il-Kumitat iddiskuta dan il-każ.

5.2 Wara diskussjoni u r-evalwazzjoni l-Kumitat qies li għalkemm ma kellux il-provi kollha f'idejh li jindikaw li l-ħsara saret fil-ħofra indikata, il-fatt li huwa rrikorra għand il-kumpanija tal-assikurazzjoni, li kienet qed tkopri għal din il-ħsara irrispettivament minn fejn seta' ġarrab il-ħsata, u li allura kienet ġiet ġustifikata min-naħa tal-istess assikurazzjoni, il-Kumitat qabel li ma kellux ikollu dubju mill-verita ta' dan il-każ u għalhekk ippropona li l-Kunsill iħallas għal dawn id danni.

**6. Kwotazzjoni għal xogħol fuq bollard tal-qawwi - Spejjeż ta' Eur 620 +vat;**

6.1 Is-SE informa lill-Kumitat li hemm bollard mas-Salib li jinsab fi Triq San Pawl (faċċata tal-kappella ta' San Pawl) li nkisret u hemm bżonn tkun mibdula.

6.2 Huwa nforma li l-ispejjeż għal dan huma ta' Eur 620 esklużż il-vat. Ix-xogħol isir minn Agiuis Stone Works li huma wieħed mill-uniċi li jagħmlu tali xogħlijiet.

6.3 Il-Kumitat qabel li għandu jsir dan ix-xogħol.

**7. Open day;**

7.1 Is-SE fakkar li kien hemm il-ħsieb li bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tat-30 sena mill-Kunsilli Lokali, issir open day fil-Kunsilli kollha. Huwa informa li jidher li hemm problema biex din issir fuq bażi nazzjonali.

7.2 Is-SE spjega li jekk din ma ssirx fuq bażi nazzjonali, il-Kunsill jista' jikkonsidra li jagħmel xi attivita' biex jikkommemora t-30 sena mill-ewwel Kunsill tan-Naxxar li beda jiffunzjoni mill-1 ta' Frar 1994 (l-elezzjoni saret f'Jannar 1994).